MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta ta' l-20 ta' April, 2009

Numru 999/2009

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Massimo Caruso**

## DIGRIET

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' Massimo Caruso tal-14 t'April, 2009;

Rat id-Digriet taghha tal-istess data li bih ordnat in-notifika lill-Avukat Generali w appuntatu ghas-smiegh ghas-16 t'April, 2009 fl-12.00 a.m.;

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali tal-15 t'April, 2009;

Semghet it-trattazzjoni w hadet it-taghrif mehtieg dwar il-kaz fl-udjenza tas-16 t'April, 2009;

Rat in-Nota tal-prosekuzzjoni tas-17 t'April, 2009 u l-fedina penali aggornata tar-rikorrent maghha esebita;

Rat l-atti kollha tal-kumpilazzjoni ghall-fini ta' din it-talba ghall-ghoti tal-liberta' provvizorja;

Ikkonsidrat;

Illi r-rikorrent qed jigi akkuzat b'sensiela ta' serqiet u precizament tnax (12) il-serqa minn djar t'abitazzjoni bejn is-sena 2000 u Ottubru 2007, ricettazzjoni, Danni volontarji w recidiva b'diversi sentenzi;

Illi mill-fedina penali aggornata tar-rikorrent jirrizulta li hu kien diga' nstab hati b'diversi sentenzi ta' serq aggravat kontinwat, ossia disgha (9) serqiet, pussess tad-droga eroina, ta' zewg (2) serqiet u tentattiv ta' serq u ksur ta' sentenza sospiza;

Illi sal-lum u minn mindu tressaq b'arrest fuq l-akkuzi mertu ta' din il-kawza, r-rikorrent gja ghamel erba' (4) talbiet precedenti ghall-liberta' provvizorja li kollha gew michuda;

Il-prosekuzzjoni ssottomettiet li f'dawn l-ahhar snin, kull meta r-rikorrent inghata l-liberta' provvizorja, kien irritorna ghall-hajja refrattarja tieghu ta' serq ripetut, u dan b'mod professjonali. Inoltre r-rikorrent m'ghandux indirizz fiss, ghandu vizzju tad-droga w s'issa b'kollox kien gie misjub hati jew ghaddej proceduri, dwar numru kbir ta' serqiet aggravati;

Din il-Qorti wkoll mhux konvinta mill-genwinita' tas-sottomissjoni tar-rikorrent li hu jrid jinghata l-liberta' provvizorja biex ikun jista' jibda programm ta' ri-abilitazzjoni mid-droga, specjalment meta diga' tkecca minn programm iehor;

Illi din il-Qorti, wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tara li ma hemm ebda raguni gdida biex hu jinghata l-liberta'

provvizorja, li tista’ twassalha biex tiehu pozizzjoni differenti minn dik li s’issa hadet il-Qorti tal-Magistrati;

Ghalhekk wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u partikolarment il-precedenti kriminali tar-rikorrent, din il-Qorti tqis li f’dan l-istadju mhux opportun li r-rikorrent jinghata l-liberta’ provvizorja w ghalhekk qed tichad it-talba tieghu a tenur tal-Art. 575(11) tal-Kodici Kriminali;

B’dana kollu din il-Qorti tara li l-kumpilazzjoni quddiem il-Qorti Istruttorja qed tiehu zmien eccessiv biex tigi konkjuza w qed tirrakkomanda lill-Avukat Generali w lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jiehdu l-passi kollha mehtiega biex din il-kumpilazzjoni tigi maghluqa fl-iqsar zmien possibbli.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------